KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 40_17-12-08 V

# MINUTI TAL-ERBGĦIN SEDUTA

**L-erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea** |
| **Skużati:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Martin Debono**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:05 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 39_17/12/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 39_17/12/08.**

1.1 Kien hemm korrezzjoni f'punt 4.1 tas-seduta 39 dwar il-karrozzi li ilhom ipparkjati bla liċenzja u kellhom jiġu riferuti lill-kumitat konġunt għal *clamping*. L-isem tat-triq li kellha titniżżel hija **'Amery' u mhux 'Triq it-Torri'**. Il-viċi sindku qal li dawn il-vetturi għadhom hemmhekk. Dak il-ħin stess is-sindku reġgħet ċemplet lill-uffiċċjal awtorizzat tal-kumitat konġunt.

Il-kunsillier J. Galea ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif ġew emendati filwaqt li ġew issekondati mil-viċi sindku A. Bonello Dupuis. Il-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina u M. Briguglio ivvotaw favur.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier M. Briguiglio staqsa x'ġara dwar *il-bicycle racks*. Is-segretarju eżekuttiv informa li kiteb lill-Assoċjazzjoni fejn qalulna li l-aħjar niltaqgħu magħhom *on site*. Sadanittant il-kunsill iddeċieda li jistgħu jitwaħħlu *bicycle racks* fejn is-Salesjani fi triq Bisazza fejn il-latrina pubblika.

2.2 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar is-sistema tas-*solar energy*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie infurmat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li għandhom skema li tinvolvi ċertu kriterji dwar sistemi ta' energy saving li ħmistax il-kunsill biss jista jigwadanjaw minnha s-somma ta' € 10,000. Fuq dan il-punt il-kunsillier J. Galea qal li kellem xi rappreżentant tal-kumpanija *Power Save System* fejn spjega li l-kunsill jista jbiddel il-bozzoz u mhux is-sistema kollha li biha jista jiffranka l-konsum ta' l-elettriku. Il-kunsill qabel ukoll li għandu jixtri kaxxa tad-dawl li tista tnaqqas ir-resistenza u l-konsum ta' l-elettriku. Din tiswa madwar € 240 (vat inkluż). Sadanittant il-kunsill għandu jistaqsi għall-permess mill-iskola Primarja tal-Gvern biex jitwaħħlu *solar panels* fil-propjeta tagħhom. Fuq dan il-punt il-kunsilliera M. Aquilina qalet li *l-headmistress* ta' l-iskola Primarja tixtieq tiltaqa' mal-kunsill biex ikun hemm ftehim ċar bejn l-iskola u l-kunsill. Is-Sindku M. Arrigo qalet li l-kunsill minn dejjem ipprova jżomm kuntatt tajjeb ma' l-iskola għax fejn seta laqa' it-talbiet tagħhom. Minnaħa l-oħra meta l-kunsill kien talab għal xi siġġijiet jew affarijiet oħra, ma kienx sab kooperazzjoni.

2.3 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa fejn wasal il-proċess tal-WI-FI fil-Ġnien Indipendenza. Il-kunsillier J. Galea qal li ġie infurmat mil-Minsiteru konċernat li l-kunsill jista jħallas € 1007 fis-sena fejn dan l-ammont jista jiġi mħallas permezz ta' riklam wieħed minn xi individwu. Sadanittant il-kunsill għandu jindaga dwar *il-bye law* tar-riklamar dwar *l-internet*.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fl-4.30pm*

3.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-permess li ħareġ mill-ADT dwar l-RPZ li huwa mit-Tnejn sal-Ħadd mit-8am sad-9pm. Il-kunsill qabel li għandu jżomm mal-permess kif inhu ħalli jkun jista jinbeda l-proċess. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Briguglio qal li għandna ngħidu lil ADT biex il-kliem għal fuq it-tabelli jkunu ċari għall-pubbliku u jkunu jinftiehmu. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis qal li l-kunsill għandu jiddeċiedi jekk it-tabelli għandhomx jitwaħħlu ma' l-art jew mal-ħitan. Is-Sindku qalet li l-probabbilta' hi li r-residenti se jirrifjutaw li t-tabelli jiġu mwaħħla mal-faċċata tagħhom.

3.2 Korrispondenza mingħand is-Sur Bjorn Bonello fejn talab biex jiltaqa' mal-kunsill dwar il-pjanijiet lokali u dwar rakkomandazzjoni ta' *traffic managment* fiż-żona ta' *Savoy*

*Hill* għal skop li jinħareġ permess għal żvilupp żgħir fi Triq Rue D'Argens. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu bħala president ta' *Chamber of Planners* f'Jannar 2009.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv qassam kopji tar-risposti mir-residenti lill-kunsilliera kollha dwar emendi proposti tal-pjanijiet lokali u dan wara li l-kunsill kien għamel sejħa għall-kummenti fil-gazzetti lokali u l-magazin. Il-kunsill qabel li għandi jiddiskutihom fil-laqgħa li jmiss.

3.4 Il-Lukanda Imperial qiegħda titlob li ssir road hump fi Triq Rudolfu. Il-kunsill ma qabilx li din għandha ssir minħabba li diġa għandna diversi ilmenti fuq it-tappiera li hemm mir-residenti tal-viċinanza u normalment r-residenti ma jkunux iridu li jsiru road humpus quddiemhom minħabba l-ħsejjes. Il-lukanda Imperial qegħda ssostni wkoll li minn mindu saret il-bankina ġdida din djieqet u allura ma tistax issir bankina b' wiesgħa ta' 1.20 metru. Huma talbu li ta' l-inqas jingħatalhom permess biex jitwaħħlu *bollards*. Il-kunsill qabel li dawn jistgħu jwaħħlu l-*bollards*, u l-bankina ssir wiesgħa ta' metru u b'hekk il-kunsill ma jkollux għalfejn joqgħod jitlob lil MEPA biex jagħmlu l-linja tal-*front garden* fuq il-post minħabba li din tinvolvi spiża.

3.5 Korrispondenza mingħand *Malta Maritime Authority* fejn talab lill-kunsill għall-kummenti li se jżiedu s-*swimmers' zones* fil-lokalita' tagħna skond il-pjanta li bagħtu lill-kunsill. Il-kunsill qabel ma dan.

3.6 Korrispondenza mil-MEPA dwar applikazzjoni għal *billboard* elettroniku ġewwa l-*car park* faċċata ta' Pjazza Sant'Anna. Il-kunsill ma qabilx dwar dan u għandu jibgħat il-kummenti.

3.7 Rigward Sqaq Muscat, il-kunsill qabel li għandu jipprova jagħmel dan ix-xogħol permezz tal-*joint venture*.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv informa li xi membri minn Sables d'Olonne applikaw biex jipparteċipaw f'laqgħa li se ssir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009, għalkemm ma kienux applikaw fil-ħin stipulat. Din il-laqgħa għad trid tiġi kkonfermata mil-MEUSAC jekk hux se tiġi aċċettata mill-Unjoni Ewropeja. Is-segretarju eżekuttiv informa wkoll li kien ġie infurmat mis-Sur Marsili li x'aktarx delegazzjoni ta' madwar għoxrin ruħ minn Sables d'Olonne se jiġu Malta f'Mejju biex jagħtu xi wirja folkloristika. Din għad trid tiġi kkonfermata wkoll.

3.9 Il-kunsill ġie infurmat ukoll li din id-darba l-ħwienet, b'mod speċjali l-coffee shops tax-Xatt (bejn Square Deal u l-Forestals), ma kkontribbwixxewx daqs is-sena l-oħra allura l-kunsill se jkollu jżid ma' l-ammont li kien miftiehem fis-seduta l-oħra.

3.10 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal laqgħa li saret li kienu talbu l-iscouts. Dawn għamlu diversi talbiet għal:

a. biex issir lejla ta' l-Scouts mill-31 ta' Lulju sat-2 ta' Awissu 2009 fil-Ġnien Indipendenza.
b. biex nirreferulhom electrician sabiex isir embellishment quddiem l-entratura tagħhom.
c. iwaħħlu plakka kommemmorattiva fil Ġnien Indipendenza egħluq il-mitt sena.
d. jixtiequ jċaqalqu l-monument sabiex ikollhom żona aħjar għall-attivitajiet barra l-istabbiliment tagħhom.
e. Iwaħħlu *directional signs* biex jiġi indikat fejnu l-post ta' l-Iscouts.
f. Li jkun hemm link mal *website* tal-kunsill.

Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan kollu ħlief għal punt (c) fejn il-kunsill qabel li l-

plakka għandha titwaħħal quddiem l-entratura tagħhom u mhux fil-Ġnien Indipendenza. Il-kunsill qabel ukoll li għandu jagħti s-somma ta' €116.46 bħala għajnuna. Il-kunsill qabel ukoll li jagħmel avviż fil-*Malta Independent* u n-*notice boards* dwar il-*first aid course* li qiegħed jiġi organizzat mil-iscouts u mis-St John Ambulance bl-għajnuna tal-kunsill.

3.11 Il-kunsill ressaq diversi ilmenti oħra dwar il-ġbir ta' l-iskart. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal diversi korrispondenza li jkun bagħat lill-kumpanija Transline wara li jkun irċieva l-ilmenti kemm mir-residenti kif ukoll mil-kunsilliera stess. Il-kunsill qabel li għandu jnaqqas għaxra fil-mija mil-kont ta' Diċembru, 2008.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar diversi korrispondenza li l-kunsill irċieva mil-perit Elena Borg Costanzi. Fost din il-komunikazzjoni kien hemm ittra mill-avukat tagħha fejn ikkontestat l-fatt li kellha tħallas għal *scaffolding* li fil-fehma tagħha mhux qiegħed jostakola bankina u li l-klijenta tagħha ma kelliex għalfejn jitħallas għal *scaffolding* u qegħda titlob *refund* bl-interessi b'kollox. Fost il-kunsilliera preżenti kien hemm minn ra li dan l-*iscaffolding* huwa ta' ostaklu fuq bankina, il-kunsilliera qalu wkoll li rċevew ilmenti minn residenti li qegħdin iħallu ħafna ħmieġ, l-area tinsab fi stat diżastruża u li l-perit Elena Borg Costanzi ma tirrispondix lir-residenti għall-ilmenti tagħhom. Il-kunsill qabel li għandu jibqa jitlob il-ħlas dovut u li permessi oħra ma jingħatux sakemm isir il-ħlas. Il-kunsill qabel li għandu jirrispondi bl-avukat tal-kunsill. Fuq dan il-punt il-kunsill ġie mfakkar li l-perit Elena Borg Costanzi hija ċ-*chairperson* tal-*UIF Funds* fejn il-possibbilta' hi l-minħabba l-konflitt ta' interess il-kunsill ma tantx se jiggwadanja minn dan. Is-segretarju eżekuttiv irrefera wkoll għal artiklu li deher fuq il-gazzetta Media today minħabba li l-kunsill jieħu l-ħlas ta' €46.59. Il-kunsill qabel li ma jirrispondix u jibqa jżomm ma' din id-deċiżjoni.

3.13 Korrispondenza mill-Onoroveli Dr Chris Said fejn irringrazzja lil kunsill kollu tal-ħidma matul dawn il-ħmistax-il sena. Minnaħa l-oħra talab għal kooperazzjoni għat-tibdil li se jkun qiegħed isir.

3.14 Korrispondenza mir-*review panel* tar-*reserved parking* ta' l-ADT dwar Triq Sir Arturo Mercieca. Is-Sindku qalet li hemm *reserved* li qegħdin jerġgħu jsiru wara li kienu tneħħew. Il-kunsill għandu jindaga dwar dan minħabba li ma ġiex avżat.

3.15 Korrispondenza mill-President ta' Malta fejn appella għal għajnuna finanzjarja għal *Community Chest Fund.* Il-kunsill qabel li għandu jagħti donazzjoni kif tajna s-sena l-oħra lill-Istrina.

3.16 Il-kunsilliera preżenti unanimament approvaw il-*quarterly report* (minn Lulju sa Settembru 2008)

3.17 Is-segretarju eżekuttiv ressaq rapport tal-Perit tal-kunsill dwar ix-xogħlijiet li tlestew fl-aħħar parti ta' Triq Rudolfu (minn Triq il-Knisja sa' Triq Santa Marija). Is-segretarju eżekuttiv spjega l-fatt li kif kien diġa ġara d-darba l-oħra, mil-kont iridu jitnaqqsu xi ħlasijiet relatati dwar l-agreement li kien sar bejn Polidano u l-kunsill fejn kien għad fadal s-somma ta' € 20545.88 kif ukoll xi kontijiet pendenti dwar ħlasijiet ta' *scaffolding* u *hoarding* fi Triq Katidral u Triq it-Torri. Isemma l-fatt ukoll li f'Jannar jibda l-*patching* f'Tas-Sliema skond kif kien diġa approvat. Il-kunsill iddeċieda li għandu jagħti lill-kuntrattur mhux iktar minn € 15000 u dan wara li l-kunsill ikkunsidra l-fatt ukoll li l-*corecuts* għadhom ma ġewx iċċertifikati. L-ammont pendenti ma' Polidano għandu jinqata kompletament mil-kont tal-*patching* liema *patching* se jsir diversi toroq f'Tas-Sliema.

3.18 Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li kella suġġerimenti mir-residenti li Trejqet Sant' Injazju tiġi kif kienet sakemm kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet fi Triq Rudolfu. Il-kunsillier N. Dimech qal ukoll li *no parking signs* għandhom jitneħħew. Il-kunsill qabel ma dan.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat mis-seduta fis-6pm.*

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mill-kunsilliera.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9920 sa 9963. Il-kunsillier J. Galea ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, il-viċi-sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina u N. Dimech approvaw il-pagamenti b'mod unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-6.05pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar, 2009 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**